MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' Diċembru, 2003

Numru 766/2003

Il-Pulizija
(Sp Jeffrey Cilia)
vs
Mark Caruana, iben George, imwieled Pieta' fl-14 ta' frar, 1979
u
Vanessa Mifsud, bint Charles, imwielda Attard fil-21 ta' marzu, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fl-20 ta' jannar, 2003, f'xi ħin matul il-ġurnata ġo Marsaskala kkomettew serq ta' diversi oġġetti minn ġo fond 'Sanomar', Triq il-Qaliet, liema serq hu kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin għad-dannu ta' Mario Ellul;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor,

mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi l-għaxar liri maltin iżda mhux il-ħamsin lira maltin għad-dannu ta' l-istess Mario Ellul;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi xjentement b'kull mod li jkun, laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom;
4. talli fl-20 ta' jannar, 2003, f'dawn il-Gżejjer, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienux bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenzjamill-President ta' Malta li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess tagħhom u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija ġiet fornuta lilhom għal użu tagħhom skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
lil Vanessa Mifsud, waħedha:
5. talli saret reċidiva skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, b'diversi sentenżi mogħtija lilha mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra;
6. talli kisret il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta ta' sentenza mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fl-24 ta' settembru, 2001 b'liema sentenza kienet ġiet misjuba ħatja ta' reat u liberata taħt kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn.

Rat in-noti tal-Avukat Ġenerali tas-6 ta' marzu, 2003 fejn ta l-kunsens tiegħu biex jitressqu quddiem din il-Qorti l-imputati skond is-subartikolu (2) tal-artikolu 22 ta'

l-Ordinanza dwar il-Mediċini Periklużi (Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta).

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' diċembru, 2003 fejn il-Qorti ġiet infurmata li
l-imputata Vanessa Mifsud tista' tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101
tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' diċembru, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom ħlief għat-tielet akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberahom mill-istess akkuża.
Fil-konfront ta' Mark Caruana –
Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 267, 269(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 9(1) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u
ir-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 (G.N. 292 ta' l-1939) u tikkundannah
għall-piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma għandhiex isseħħ ħlief jekk fi żmien ta' sentejn mil-lum jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Inoltre, tikkundannah li jħallas multa ta' mitejn liri maltin (Lm200).
Fil-konfront ta' Vanessa Mifsud –
Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(e), 263, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 289 u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 9(1) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 (G.N. 292 ta' l-1939) u l-artikolu 10(1)(a) tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta.
Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputata hi 'single parent' b'żewġ titfal minuri ta' 4 u ta' 8 snin u għandha problema tad-droga li qed tipprova tegħleb. Tikkundannaha għall-piena ta' sentejn priġunerija. Rat
l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma għandhiex isseħħ ħlief jekk fi żmien ta' erba' snin mil-lum tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Rat l-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta’ Ordni ta’ Supevizjoni għal żmien erba’ snin mil-lum. Inoltre, tikkundannaha li tħallas multa ta’ mitejn liri maltin (Lm200).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------